

- (2) Żnaturament tad-deċiżjoni tat-28 ta' Novembru 2000 inkwantu l-Qorti tal-Prim' Istanza kkunsidrat li din id-deċiżjoni għalqet il-proċedura ta' eżami preliminari tal-miżura fiskali inkwistjoni li kienet inbdiet b'konsegwenza ta' ilment irregiſtrat f'April 1994. Żball ta' liġi inkwantu l-Qorti tal-Prim' Istanza ma kkunsidratx li l-eżami mill-ġdid tal-miżura fiskali inkwistjoni, fl-2000, kellu jitwettaq fil-kuntest tal-proċedura stabbilita għall-ghajjnuna eżistenti.
- (3) Żball ta' liġi inkwantu l-Qorti tal-Prim' Istanza ma osservatx ir-regoli proċedurali dwar l-oneru u l-evalwazzjoni tal-provi, b'mod partikolari fir-rigward tal-prova dokumentarja kkostitwita mid-deċiżjoni tat-28 ta' Novembru 2000 (il-kredibbiltà u s-saħħa probatorja tagħha). Ksur tad-dritt għal smiġh xieraq.
- (4) Żball ta' liġi inkwantu l-Qorti tal-Prim' Istanza kisret ir-regoli proċedurali dwar l-evalwazzjoni u l-oneru tal-prova fir-rigward tal-indizji oġġettivi, rilevanti, konsistenti u konklużivi tal-proċess u li juru li, qabel id-deċiżjoni tat-28 ta' Novembru 2000, il-Kummissjoni kienet eżaminat preliminarjament il-miżura fiskali inkwistjoni u kienet għalqet dan l-eżami. Żball ta' liġi inkwantu l-Qorti tal-Prim' Istanza ma kkunsidratx li l-eżami mill-ġdid tal-miżura fiskali inkwistjoni, fl-2000, kellu jitwettaq fil-kuntest tal-proċedura stabbilita għall-ghajjnuna eżistenti
- (5) Żball ta' liġi inkwantu l-Qorti tal-Prim' Istanza kkonfermat l-evalwazzjoni li l-miżura fiskali inkwistjoni, adottata fl-1993 bl-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' ghajjnuna għall-investment skont il-Linji ta' gwida dwar ghajjnuna nazżjonali reġjonali tal-1998, kienet ghajjnuna għall-operat.. Ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali u, b'mod partikolari, tal-prinċipju ta' nonretroattività.
- (6) Żball ta' liġi fir-rigward tal-kunċett ta' "informazzjoni rilevanti" għall-eżami preliminari ta' sistema fiskali fil-kuntest tal-ghajjnuna mill-Istat li wassal lill-Qorti tal-Prim' Istanza ma tikkunsidrax li t-tul tal-proċedura preliminari kien irraġonevoli.
- (7) Żball ta' liġi inkwantu l-Qorti tal-Prim' Istanza kkunsidrat li l-perijodu ta' 79 xahar, fil-każ inkwistjoni, mhuwiex perijodu irraġonevoli għal proċedura ta' eżami preliminari tal-miżura fiskali inkwistjoni u li, għalhekk, ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru. 659/1999 fir-rigward tal-prinċipju ta' ċertezza legali.
- (8) Żball ta' liġi inkwantu l-Qorti tal-Prim' Istanza kkunsidrat li l-perijodu ta' 79 xahar, fil-każ inkwistjoni, mhuwiex perijodu irraġonevoli għal proċedura ta' eżami preliminari tal-miżura fiskali inkwistjoni u li, għalhekk, ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru. 659/1999 fir-rigward tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.
- (9) Żball ta' liġi inkwantu l-Qorti tal-Prim' Istanza kkunsidrat li, f'dan il-każ, ma kienx hemm ċirkustanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw aspettattivi leġittimi li l-miżura fiskali inkwistjoni kienet legali, li skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament Nru 659/1999 jipprekludu li jiġi ordnat l-irkupru tal-ghajjnuna. Żnaturament tad-deċiżjoni.
- (10) Żball ta' liġi inkwantu l-Qorti tal-Prim' Istanza kkunsidrat li, f'dan il-każ, ma kienx hemm ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali, ksur li skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament Nru 659/1999 jipprekludi li jiġi ordnat l-irkupru tal-ghajjnuna.
- (11) Żball ta' liġi inkwantu l-Qorti tal-Prim' Istanza ma osservatx ir-regoli proċedurali dwar il-produzzjoni tal-prova u ddeċidiet li ma tilqax il-prova prodotta mill-appellant fir-rigward tal-produzzjoni ta' dokumenti speċifiċi tal-Kummissjoni li, fid-dawl tal-argumenti esposti mill-Qorti tal-Prim' Istanza sabiex tiċħad it-talba tal-appellant, jirriżulta li kienu essenzjali għad-difiża tal-interessi tiegħu. Ksur tad-dritt għal smiġh xieraq, tal-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet u tad-drittijiet tad-difiża.

(<sup>1</sup>) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE, ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339

**Appell ippreżentat fis-26 ta' Novembru 2009 mit-Territorio Histórico de Álava — Diputación Foral de Álava kontra sentenza tal-Qorti tal-Prim' Istanza (Il-Ħames Awla Estiża) tad-9 ta' Settembru 2009 fil-Kawża magħquda T-30/01 sa T-32/01 u T-86/02 sa T-88/02, Territorio Histórico de Álava — Diputación Foral de Álava et vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej**

(Kawża C-469/09 P)

(2010/C 37/11)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

#### Partijiet

**Appellant:** Territorio Histórico de Álava — Diputación Foral de Álava (rappreżentanti: I. Sáenz-Cortabarría Fernández u M. Morales Isasi, avukati)

**Appellati:** Territorio Histórico de Vizcaya — Diputación Foral de Vizcaya, Territorio Histórico de Guipúzcoa — Diputación Foral de Guipúzcoa, Comunidad Autónoma del País Vasco — Gobierno Vasco, Confederación Empresarial Vasca (Confebask), il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u Comunidad Autónoma de la Rioja

**Talbiet tal-appellant**

- Tiddikjara l-appell ammissibbli u fondat.
- Tannulla s-sentenza appellata.
- Tilqa' t-talba mressqa fl-ewwel istanza, b'mod partikolari, l-annullament tal-Artikolu 3 tad-deċiżjoni kkontestata.
- Sussidjarjament, tirrinvoja l-kawża quddiem il-Qorti tal-Prim' Istanza u, f'dan il-każ, tordnalha tipproduċi l-prova miċħuda.
- Tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-proċeduri fl-ewwel istanza u tal-appell u lill-intervenjenti, Comunidad Autónoma de la Rioja, għall-ispejjeż tal-proċeduri fl-ewwel istanza.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

- (1) Żball ta' liġi inkwantu l-Qorti tal-Prim' Istanza kkunsidrat li l-għeluq tal-proċedura ta' eżami preliminari fir-rigward tal-miżura fiskali inkwistjoni, qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 659/1999<sup>(1)</sup>, kien jeħtieġ deċiżjoni espliċita tal-Kummissjoni f'dan is-sens (indirizzata lill-Istat Membru).
  - (2) Żnaturament tad-deċiżjoni tat-28 ta' Novembru 2000 inkwantu l-Qorti tal-Prim' Istanza kkunsidrat li din id-deċiżjoni għalqet il-proċedura ta' eżami preliminari tal-miżura fiskali inkwistjoni li kienet inbdiet b'konsegwenza ta' ilment irregiſtrat f'April 1994. Żball ta' liġi inkwantu l-Qorti tal-Prim' Istanza ma kkunsidratx li l-eżami mill-ġdid tal-miżura fiskali inkwistjoni, fl-2000, kellu jitwettaq fil-kuntest tal-proċedura stabbilita għal għajjnuna eżistenti.
  - (3) Żball ta' liġi inkwantu l-Qorti tal-Prim' Istanza ma osservatx ir-regoli proċedurali dwar l-oneru u l-ewwelwazzjoni tal-provi, b'mod partikolari fir-rigward tal-prova dokumentarja kkontitwita mid-deċiżjoni tat-28 ta' Novembru 2000 (il-kredibbiltà u s-saħħa probatorja tagħha). Ksur tad-dritt għal smiġh xieraq.
  - (4) Żball ta' liġi inkwantu l-Qorti tal-Prim' Istanza kisret ir-regoli proċedurali dwar l-ewwelwazzjoni u l-oneru tal-prova fir-rigward tal-indizzji oġġettivi, rilevanti, konsistenti u konklużivi tal-proċess li juru li, qabel id-deċiżjoni tat-28 ta' Novembru 2000, il-Kummissjoni kienet eżaminat preliminarjament il-miżura fiskali inkwistjoni u kienet għalqet dan l-eżami. Żball ta' liġi inkwantu l-Qorti tal-Prim' Istanza ma kkunsidratx li l-eżami mill-ġdid tal-miżura fiskali inkwistjoni, fl-2000, kellu jitwettaq fil-kuntest tal-proċedura stabbilita għal għajjnuna eżistenti
  - (5) Żball ta' liġi inkwantu l-Qorti tal-Prim' Istanza kkonfermat l-ewwelwazzjoni li l-miżura fiskali inkwistjoni, adottata fl-1993 bl-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' għajjnuna għall-investment skont il-Linji ta' gwida dwar għajjnuna nazzjo-
- nali reġjonali tal-1998, kienet għajjnuna għall-operat. Ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali u, b'mod partikolari, tal-prinċipju ta' nonretroattività.
- (6) Żball ta' liġi fir-rigward tal-kunċett ta' "informazzjoni rilevanti" għall-eżami preliminari ta' sistema fiskali fil-kuntest tal-għajjnuna mill-Istat li wassal lill-Qorti tal-Prim' Istanza ma tikkunsidratx li t-tul tal-proċedura preliminari kien irraġonevoli.
  - (7) Żball ta' liġi inkwantu l-Qorti tal-Prim' Istanza kkunsidrat li l-perijodu ta' 79 xahar, fil-każ inkwistjoni, mhuwiex perijodu irraġonevoli għal proċedura ta' eżami preliminari tal-miżura fiskali inkwistjoni u li, għalhekk, ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru. 659/1999 fir-rigward tal-prinċipju ta' ċertezza legali.
  - (8) Żball ta' liġi inkwantu l-Qorti tal-Prim' Istanza kkunsidrat li l-perijodu ta' 79 xahar, fil-każ inkwistjoni, mhuwiex perijodu irraġonevoli għal proċedura ta' eżami preliminari tal-miżura fiskali inkwistjoni u li, għalhekk, ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru. 659/1999 fir-rigward tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.
  - (9) Żball ta' liġi inkwantu l-Qorti tal-Prim' Istanza kkunsidrat li, f'dan il-każ, ma kienx hemm ċirkustanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw aspettattivi leġittimi li l-miżura fiskali inkwistjoni kienet legali, ċirkustanzi eċċezzjonali li skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament Nru 659/1999 jipprekludu li jiġi ordnat l-irkupru tal-għajjnuna. Żnaturament tad-deċiżjoni.
  - (10) Żball ta' liġi inkwantu l-Qorti tal-Prim' Istanza kkunsidrat li, f'dan il-każ, ma kienx hemm ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali, ksur li skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament Nru 659/1999 jipprekludu li jiġi ordnat l-irkupru tal-għajjnuna.
  - (11) Żball ta' liġi inkwantu l-Qorti tal-Prim' Istanza ma osservatx ir-regoli proċedurali dwar il-produzzjoni tal-prova u ddeċidiet li ma tilqax il-prova prodotta mill-appellant fir-rigward tal-produzzjoni ta' dokumenti speċifiċi tal-Kummissjoni li, fid-dawl tal-argumenti esposti mill-Qorti tal-Prim' Istanza sabiex tiċħad it-talba tal-appellant, jirriżulta li kienu essenzjali għad-difiża tal-interessi tiegħu. Ksur tad-dritt għal smiġh xieraq, tal-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet u tad-drittijiet tad-difiża.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE, ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339